Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## ID-DISA’ LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 24

It- Tnejn 18 ta’ Mejju 2026

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Anthony Barbaro Sant- Kunsillier
Maryann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.06pm

**24.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

24.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

24.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- Minuti tat- Tlieta u Għoxrin Laqgħa tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

24.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**24.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

23.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li l-Kummissarju tal- Pulizija talab lil Kunsill jirriloka is- CCTV camera unit li tinsab ġewwa l-Għassa tal-Kunsill peress li qed tiġi rinovata. Għaldaqstant talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex tinġieb kwotazzjoni għal din il-rilokazzjoni. Il-Kunsill approva.

**24.4 Proposta Casino Notabile- Omenaart Foundation.**

24.4.1 Waqt is-seduta tal-Kunsill, rapprezentanti minn Omenaart Foundation, għamlu proposta lil Kunsill biex din il-fondazzjoni tingħata l-inkarigu li ddawwar din il-binja f' muzew kulturali. Il- Kunsill diskuta ċertu kindizzjonijiet magħhom u l-laqgħa ntemmet billi huma bħala fondazzjoni jiġu lura għand il-Kunsill bid-deċizjoni tagħhom.

**24.5 Approvazzjoni ta' Financial Statements 2025**

24.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-Financial Statements għas-Sena 2025 wara li dawn ġew awditjati mill-Awdituri tal-Gvern Lokali.

24.5.2 Is- Sindku ppropona li napprovaw din l-offerta li kienet sekondata mill-Kunsilliera Maryann Sultana

24.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament

**24.6 PA Notice 5452/24- Diskussjoni**

24.6.1 Fuq il-mejda tal-kamra tpoġġiet l-applikazzjoni li saret mis-sidien għal bini ta' flats minflok il-binja ezistenti li tinsab fit-Telgħa tas- Saqqajja ħdejn it- Tattingers.

24.6.2 Il-Kunsill ħa deċizjoni li jibghat ittra ta' tħassib fuq din l-applikazzjoni fejn qed jitlob li waqt is-smiegħ ta' din l-applikazzjoni jittieħdu in kunsiderazzjoni l-aspett arkeoloġiku kif ukoll il-mina li tinsab taħt biswit il-binja minn fejn kienet tgħaddi il-ferrovija ta' Malta. Il-Kunsill talan ukoll li l-għoli tal-binja ma tgħattix, il-ħitan tal-bastjuni li jinsabu ezatt wara il-binja ezistenti.

**24.7 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

24.7.1 Adriano Botti- Talba għal- laqgħa mas- Sindku fuq proposta ta' materjal awdio viziv.

24.7.2 Regjun Punent- Il-Kunsill ġie nfurmat li s-sinjali indikattivi li sarilhom vendikazzjoni fuqhom u tneħħew barra l-Mdina ser jiġu rinstallati bi spejjez tar- Reġjun.

24.7.3 SEM- Talba biex ssir laqgħa mal-Kunsill fejn ser tingħata informazzjoni relatata ma fondi mill-EU li minna jistgħu jibbenifikaw il-Kunsilli.

24.7.4 DLG- Cirkulari 04/2026- Elezzjoni Ġenerali 30 ta' Mejju 2026.

**24.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

24.8.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tal- 18 ta' Mejju 2026 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 23,504.98

24.8.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**24.9 Tmiem tal- Laqgħa**

24.9.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.13pm u ġiet aġġornata għat- 22 ta' Ġunju 2026 fid-9am.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___22 ta' Ġunju 2026__